([4]) Il-Kawża C-453/99 *Courage u Crehan* [2001] ECR I-6297, 27; il-Kawżi Konġunti C-295-298/04, *Manfredi*, [2006] ECR I-6619, 91.

([5]) Il-Kawżi Konġunti C-295-298/04, *Manfredi* [2006] ECR I-6619, 31.

([6]) Il-Protokoll (Nru 27) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar is-suq intern u l-kompetizzjoni.

ukoll konsumaturi. Dawn id-drittijiet isiru parti mill-assi legali ta' dawn l-individwi ([1]) u huma protetti taħt il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ([2]). Il-qrati nazzjonali għandhom id-dmir skont il-liġi tal-UE biex jinfurzaw dawn id-drittijiet u l-obbligi b'mod sħiħ u effettiv f'kull proċediment li jinġieb quddiemhom.

5. Fost id-drittijiet garantiti mil-liġi tal-UE hemm id-dritt għal kumpens ta' dannu kkawżat minħabba ksur tal-Artikolu 101 jew 102 TFUE: l-effettività sħiħa tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE tkun mhedda jekk il-partijiet danneġġjati ma jkunux jistgħu jitolbu kumpens għad-danni kkawżati lilhom b'infrazzjoni ta' dawn ir-regoli. Kull persuna għandha d-dritt li titlob kumpens għal dannu subit meta jkun hemm rabta kawżali bejn l-imsemmi dannu u akkordju jew prattika projbita mir-regoli tal-UE dwar il-kompetizz-joni. ([3])

6. Il-kumpens għad-dannu mġarrab ifisser li l-parti inġurjata titqiegħed fil-pożizzjoni li kienet tkun fiha kieku ma kienx hemm ksur tal-Artikolu 101 jew 102 tat-TFUE. Il-partijiet li jsofru ħsara minn ksur direttament effettiv tar-regoli tal-UE għandhom għalhekk ikollhom il-valur reali tat-telf sħiħ tagħhom mogħti lura lilhom: id-dritt għal kumpens sħiħ ikopri telf attwali (*damnum emergens*), kif ukoll kumpens għal telf ta' qligħ (*lucrum cessans*) li jkunu ġarrbu b'riżultat tal-ksur ([4]); u intitolament tal-imgħax minn meta seħħ id-dannu ([5]).

7. Billi ma hemmx regoli tal-UE li jirregolaw azzjonijiet ta' dannu għall-ksur tal-Artikolu 101 jew 102 TFUE, hija kompetenza tas-sistema legali domestika ta' kull Stat Membru li tistabbilixxi regoli dettaljati li jirregolaw l-eżerċizzju tad-dritt għal kumpens garantit mid-dritt tal-UE. Dawn ir-regoli ma għandhomx, madankollu, jagħmlu l-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija lill-individwi mid-dritt tal-UE eċċessivament diffiċli jew prattikament impossibbli (il-prinċipju tal-effettività). Lanqas ma jistgħu jkunu inqas favorevoli minn dawk li jirregolaw l-azzjonijiet għad-danni għal ksur ta' drittijiet simili mogħtija mil-liġi domestika (il-prinċipju tal-ekwivalenza) ([6]).

## 2.2. **Il-liġi nazzjonali u l-interazzjoni tagħha mal-prinċipji tal-liġi tal-UE**

8. Dwar il-kwistjoni tal-kwantifikazzjoni tad-dannu, sal-punt li tali eżerċizzju mhux kopert bil-liġi tal-UE, ir-regoli legali tal-Istati Membri jiddeterminaw l-istandard adatt tal-prova u l-grad ta' preċiżjoni meħtieġa biex jiġi muri l-ammont ta' ħsara mġarrba. Ir-regoli nazzjonali jipprovdu wkoll għal allokazzjoni tal-oneru tal-prova u tar-responsabbiltajiet rispettivi tal-partijiet li jagħmlu sottomissjonijiet fattwali lill-qorti. Il-liġi nazzjonali tista' tistipula li l-oneru tal-prova jiċċaqlaq malli l-kwerelant ikun ġab provi dwar ċertu sett ta' fatturi, u jista' jipprovdi għal regoli ssimplifikati ta' kalkolu u preżunzjonijiet ta' natura inkonfutabbli jew li ma jistax isir argument kontrihom. Il-liġi nazzjonali tiddetermina wkoll safejn u kif il-qrati għandhom is-setgħa li jikkwantifikaw id-dannu kkawżat fuq il-bażi tal-aħjar stimi approssimattivi jew kunsiderazzjonijiet ekwitabbli. Dawn ir-regoli nazzjonali kollha u l-proċeduri li jirregolaw il-kwan-tifikazzjoni tal-ħsara għandhom jiġu stabbiliti u applikati f'każijiet individwali b'mod li jippermettu lill-partijiet li ġarrbu danni minn ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni tal-UE biex jiksbu kumpens sħiħ għad-dannu mġarrab mingħajr ebda diffikultajiet sproporzjonati; fl-ebda ċirkostanza ma jistgħu jkunu inqas effettivi minn azzjonijiet simili bbażati fuq il-liġi domestika.

9. Konsegwenza waħda tal-prinċipju tal-effettività hija li r-regoli legali nazzjonali applikabbli u l-interpre-tazzjoni tagħhom għandhom jirriflettu d-diffikultajiet u limiti inerenti għall-kwantifkazzjoni tad-dannu f'kawżi ta' kompetizzjoni. Il-kwantifikazzjoni ta' dan id-dannu teħtieġ tiġi mqabbla mal-pożizzjoni attwali tal-parti danneġġjata li din il-parti kienet tkun fiha mingħajr il-ksur. Din hija xi ħaġa li ma tistax tiġi osservata fir-realtà; huwa impossibbli li wieħed ikun jaf b'ċertezza kif il-kundizzjonijiet tas-suq u l-interazzjonijiet bejn l-parteċipanti tas-suq kienu jevolvu fin-nuqqas tal-ksur. Dak kollu li huwa possibbli huwa stima tax-xenarju probabbli li kien jeżisti mingħajr il-ksur. Il-kwantifikazzjoni

([1]) Il-Kawża C-453/99 *Courage u Crehan* [2001] ECR I-6297,19 u 23; il-Kawżi Konġunti C-295-298/04, *Manfredi*, [2006] ECR I-6619, 39.

([2]) Ara l-Artikolu 17 tal-Karta għall-protezzjoni tal-assi ta' individwu; id-dritt għal rimedju effettiv għal ksur tad-drittijiet garantiti mil-liġi tal-Unjoni huwa ddikjarat fl-Artikolu 47 tal-Karta.

([3]) Il-Kawża C-360/09, *Pfleiderer*, [2011] ECR I-5161, 28; kawża C-199/11, Il-Komunità Ewropea *v. Otis NV u oħrajn*, [2012], għadhom mhux rapportati, 43.

([4]) Il-Kawżi Konġunti C-295-298/04, *Manfredi*, [2006] ECR I-6619,95-96 u l-Kawżi Konġunti C-46/93 and C-48/93 *Brasserie du Pêcheur u Factortame* [1996] ECR I-1029, 87.

([5]) Il-Kawżi Konġunti C-295-298/04, *Manfredi*, [2006] ECR I-6619, 97, li jirreferu għall-Kawża C-271/91 *Marshall* [1993] ECR I-4367, 31.

([6]) Il-Kawża C-453/99 *Courage u Crehan* [2001] ECR I-6297, 29; il-Kawżi Konġunti C-295-298/04, *Manfredi*, [2006] ECR I-6619, 62.

tad-dannu f'kawżi ta' kompetizzjoni hi, min-natura tagħha, karatterizzata minn limiti konsiderevoli għal-livell ta' ċertezza u ta' preċiżjoni li jista' jkun mistenni. Xi drabi estimi approssimattivi biss huma possibbli ([1]).

## 3. GWIDA DWAR IL-KWANTIFIKAZZJONI TAD-DANNU

10. Kontra dan l-isfond, is-servizzi tal-Kummissjoni fasslu Gwida Prattika dwar il-kwantifikazzjoni tad-dannu f'azzjonijiet għad-danni bbażati fuq infrazzjoni tal-Artikolu 101 jew 102 TFUE (il-"Gwida Prattika").

11. L-għan ta' din il-Gwida Prattika huwa li toffri għajnuna lill-qrati nazzjonali u l-partijiet involuti f'kawżi għad-danni billi tagħmel aktar disponibbli l-informazzjoni dwar il-kwantifikazzjoni tad-dannu kkawżat mill-ksur tar-regoli tal-antitrust tal-UE. Għaldaqstant hija tipprovdi tagħrif dwar diversi forom ta' ħsara tipikament ikkawżata mill-prattiki antikompetittivi u, b'mod partikolari, tistipula tagħrif dwar il-metodi u tekniki disponibbli biex jikkwantifikaw tali dannu. L-għoti ta' ċirkolazzjoni usa' lil din l-informazzjoni jżid l-effettività ta' azzjonijiet għad-danni. Għandu wkoll jagħmel tali azzjonijiet aktar prevedibbli, u b'hekk tiżdied iċ-ċertezza legali għall-partijiet kollha involuti. Din il-Gwida Prattika tista' tgħin ukoll lill-partijiet biex isibu riżoluzzjoni kunsenswali għat-tilwimiet tagħhom, kemm jekk ikunu fil-kuntest tal-proċedimenti ġudizzjarji kif ukoll jekk ikunu lil hinn minnhom jew jekk ikunu parti f'mekkaniżmi ta' riżoluzzjoni tat-tilwimiet alternattivi.

12. Din il-Gwida Prattika hija purament informattiva u ma torbotx lill-qrati nazzjonali jew lill-partijiet. Hija għalhekk ma tibdlix ir-regoli legali tal-Istati Membri li jirregolaw l-azzjonijiet għad-danni u ma taffettwax id-drittijiet u l-obbligi tal-Istati Membri jew ta' persuni naturali jew legali taħt il-liġi tal-UE.

13. B'mod partikolari, il-gwida prattika ma għandhiex tinftiehem bħala li tgħolli jew tbaxxi l-istandard tal-prova jew il-livell ta' dettall tas-sottomissjonijiet fattwali meħtieġa mill-partijiet fis-sistemi legali tal-Istati Membri. Lanqas ma għandha tinftiehem bħala li taffettwa r-regoli u l-prattiki fl-Istati Membri dwar l-oneru tal-prova. Il-qrati nazzjonali spiss adottaw, fi ħdan is-sistemi legali tagħhom, approċċi prammatiċi biex jiġi ddeterminat l-ammont ta' ħsarat li jridu jingħataw, inkluż l-użu ta' suppożizzjonijiet, sostituzzjonijiet fl-oneru tal-prova, jew is-setgħa tal-qrati li jagħmlu l-aħjar stima approssimattiva. Il-gwida prattika hija maħsuba biex tipprovdi informazzjoni li tista' tintuża fi ħdan il-kwadru tar-regoli u l-prattiki legali nazzjonali, mhux minflokhom. Skont ir-regoli legali applikabbli u fuq l-ispeċifiċitajiet ta' kull każ, għalhekk jista' jkun ukoll biżżejjed għall-partijiet li jipprovdu fatti u evidenza dwar l-ammont ta' danni li huma anqas dettaljati minn dawk meħtieġa minn xi metodi u tekniki msemmija fil-Gwida Prattika.

14. Il-Gwida Prattika tispjega l-karatteristiċi partikolari, inklużi il-punti pożittivi u d-dgħjufijiet ta' diversi metodi u tekniki disponibbli biex jikkwantifikaw id-dannu tal-antitrust. Hija kompetenza tal-liġi applikabbli li tiddetermina liema approċċ għall-kwantifikazzjoni jista' jitqies xieraq fiċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' każ partikolari. Kunsiderazzjonijiet rilevanti jinkludu, flimkien mal-istandard u l-oneru tal-prova taħt ir-regoli legali applikabbli, id-disponibbiltà tad-dejta, l-ispejjeż u ż-żmien involuti u l-proporzjonalità tagħhom b'rabta mal-valur tat-talba għad-danni.

15. Il-Gwida Prattika tippreżenta u tiddiskuti wkoll firxa ta' eżempji prattiċi. Dawn juru l-effetti tipiċi li l-ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE għandu tendenza li jkollu, u kif il-metodi u t-tekniki msemmija hawn fuq għall-kwantifikazzjoni tad-dannu jistgħu jiġu applikati fil-prattika.

16. It-tagħrif ekonomiku dwar il-ħsara kkawżata mill-ksur tal-liġijiet tal-antitrust u l-metodi u t-tekniki għall-kwantifikazzjoni ta' dan id-dannu jistgħu jevolvu matul iż-żmien flimkien ma' riċerka teoretika u empirika u l-prattika ġudizzjarja f'dan il-qasam. Din il-Gwida Prattika għaldaqstant ma għandhiex titqies bħala rappreżentazzjoni komprensiva jew definittiva tat-tagħrif u l-metodi disponibbli.

---

([1]) Il-limiti ta' dawn il-valutazzjonijiet ta' sitwazzjoni ipotetika, ġew rikonoxxuti mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest tal-kwantifikazzjoni tat-telf ta' qligħ f'kawża għad-danni kontra l-Komunità Ewropea, ara l-Kawżi Konġunti C-104/89 u C-37/90 *Mulder u oħrajn v il-Kunsill* [2000] ECR I-203, fil-paragrafu 79.

# ATTI OĦRAJN

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi ta' kwalità għal prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel**

(2013/C 167/08)

Din il-pubblikazzjoni tagħti d-dritt għal oġġezzjoni għall-applikazzjoni, skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

DOKUMENT UNIKU

**REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 510/2006**

**dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel** ([2])

**"ΤΟΜΑΤΑΚΙ ΣΑΝΤΟΡΙΝΗΣ" (TOMATAKI SANTORINIS)**

**Nru tal-KE: EL-PDO-0005-0888-26.08.2011**

**IĠP ( ) DPO ( X )**

1. **Isem**

"Τοματάκι Σαντορίνης" (Tomataki Santorinis)

2. **Stat Membru jew pajjiż terz**

Il-Greċja

3. **Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu jew tal-oġġett tal-ikel**

3.1. *Tip ta' prodott*

Klassi 1.6 – Frott, ħaxix u ċereali, friski jew ipproċessati

3.2. *Deskrizzjoni tal-prodott li għalih japplika l-isem f' (1)*

It-"Tomataki Santorinis" huwa definit bħala frott frisk tal-ekotip lokali *Lycopersicon esculentum* Mill., tal-familja Solanaceae, li huwa kklassifikat bħala varjetà ta' tadam żgħir. Għandu ċiklu ta' żvilupp medju ta' 80 sa 90 jum. It-"Tomataki Santorinis" għandu forma kemxejn ċatta u ttondjata (id-dijametru polari diviż bid-dijametru ekwatorjali bejn 0,65 u 0,85) u piż (fi grammi) li jvarja minn 15 (minimu) sa 27 (massimu). Il-frott għandu piegi kemm kemm jidhru u oħrajn aktar ċari, li huma partikolarment evidenti fil-frott fil-parti t'isfel tal-pjanta (qrib l-għeruq). It-"Tomataki Santorinis" għandu kulur aħmar skur u qawwi, b'laħam mhux partikolarment umduż b'kontenut għoli ta' żrieragħ. Il-perċentwali ta' solidi solubbli tvarja minn 7-10 °Brix, filwaqt li l-konċentrazzjoni ta' solidi solubbli hija aktar baxxa

([1]) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.

([2]) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12. Sostitwit bir-Regolament (UE) Nru 1151/2012.

fir-rigward tas-solidi totali, u tvarja minn 73-87 % (13-27 % residwu solidu). Barra minn hekk, għandu livelli ogħla tal-aċidu askorbiku (li jvarja minn 14 sa 18 mg f'kull 100 g piż frisk), fenotipi solubbli totali (54-57 mg/100 g F.W.) u likopene (3,8-7,5 mg/100 g F.W.). Fl-istess ħin, it-"Tomataki Santorinis" frisk huwa kkaratterizzat minn kontenut għoli ta' aċidità (pH = 4-4,5) li, flimkien mal-konċentrazzjoni għolja ta' karboidrati, tagħtih it-togħma ħelwa u aċiduża ħafna tiegħu.

3.3. *Materja prima (għall-prodotti pproċessati biss)*

—

3.4. *Għalf (għall-prodotti li ġejjin mill-annimali biss)*

—

3.5. *Passi speċifiċi fil-produzzjoni li jridu jittieħdu fiż-żona ġeografika identifikata*

Il-passi kollha fil-produzzjoni, trattament u pproċessar tal-prodotti kkummerċjalizzati taħt l-isem "Tomataki Santorinis" għandhom jitwettqu fi ħdan id-delimitazzjoni taż-żona ġeografika.

3.6. *Ir-regoli speċifiċi dwar it-tqattigħ, it-tħakkik, l-ippakkjar, eċċ.*

Biex tiġi żgurata l-kwalità tal-prodott kkummerċjalizzat taħt l-isem "Tomataki Santorinis" u biex ikun żgurat il-kontroll effettiv tal-oriġini tal-prodott finali, huwa kkunsidrat meħtieġ li tillimita l-operazzjonijiet tal-ippakkjar għaż-żona ġeografika identifikata,.

B'mod aktar speċifiku, l-operazzjonijiet tal-ippakkjar jeħtieġ li jkunu ristretti għaż-żona ta' produzzjoni minħabba r-riskju partikolarment għoli ta' deterjorazzjoni fil-kwalità ta' prodott tant fraġli waqt it-trasport bil-baħar neċessarjament fi kwantitajiet kbar, fejn hemm il-possibbiltà serja li t-tadam jassorbi l-umdità u jsir kontaminat bil-pesti u l-mard ta' wara l-ħsad. Għan ieħor huwa li titnaqqas l-frodi. Ir-rendiment żgħir għal kull stremma (1 000 $m^2$) (madwar 500 kilo għal kull stremma meta mqabbla ma' madwar 10 tunnellati metriċi għal kull stremma għat-tadam ikkoltivat fil-beraħ fl-intern tal-pajjiż) ifisser li t-"Tomataki Santorinis" iġib prezz sostanzjalment ogħla, li huwa inċentiv ewlieni għal frodi. Dan se jipproteġi r-reputazzjoni eċċezzjonali tal-prodott kummerċjalizzat taħt l-isem protett.

3.7. *Regoli speċifiċi dwar it-tikkettar*

L-ippakkjar għandu fuqu l-kodiċi tal-prodott skont is-sistema ta' traċċabbiltà.

## 4. Definizzjoni konċiża taż-żona ġeografika

Iż-żona ġeografika fejn jiġi prodott it-"Tomataki Santorinis" tinkludi l-gżejjer ta' Thira (Santorini), Thirasia, Palea Kameni, Nea Kameni, Aspro (Aspronisi), Christiani u Askania fil-Prefettura ta' Cyclades fir-Reġjun tal-Eġew tan-Nofsinhar tar-Repubblika Ellenika.

## 5. Rabta maż-żona ġeografika

5.1. *Speċifiċità taż-żona ġeografika*

Dawn il-gżejjer kollha għandhom ħamrija vulkanika u mikroklima speċifika ħafna, b'irjiħat partikolarment qawwijin, sigħat twal ta' xemx matul is-sena u kundizzjonijiet nixfin ħafna (ftit xita annwali). B'mod aktar speċifiku:

(a) Klima: il-fatturi klimatiċi speċifiċi li ġejjin huma meqjusa bħala kruċjali għall-kwalità tal-prodott:

(1) medja ta' umdità relattiva annwali ta' 71 %,

(2) xita annwali massima ta' 370 millimetri,

(3) irjieħ tat-Tramuntana li jonfħu matul is-sena kollha,

(4) temperatura medja annwali ta' 17,5 °C,

(5) 202 jum ta' xemx fis-sena, u

(6) prattikament l-ebda ġlata.

(b) Ħamrija: il-materjal oriġinarju tal-ħamrija volkanika li minnha hija magħmula l-biċċa l-kbira tal-gżira ta' Santorini jikkonsisti minn depożiti terzjarji ta' ħamrija, ġebel pumiku u lava ta' Thira. Din il-ħamrija hija kklassifikata bħala fonda, b'gandotti li jvarjaw minn moderati għal xejn, maħluqa mill-erożjoni u bi gradjenti ħfief. Ġeneralment, din il-ħamrija għandha struttura fina, ma fihiex in-nutrijent bażiku inorganiku li huwa n-nitroġenu (N), u hija partikolarment fqira fil-materja organika. Barra minn hekk, il-ħamrija fiha s-sodju (Na), li joħloq kundizzjonijiet ta' stress tal-ilma, u għandha l-kapaċità li tixrob l-umdità mill-atmosfera u tittrasferiha gradwalment lill-pjanti matul il-jum (il-ġebla pumika hija magħrufa sewwa għall-kapaċità taż-żamma tal-ilma tagħha). Għalhekk il-pjanti huma taħt kundizzjonijiet ta' stress tal-ilma, u dan, flimkien mal-ħamrija alkalina, jagħti lill-prodott karatteristiċi speċjali. Fl-aħħar nett, ir-riżorsi tal-ilma tal-art huma minn minimi sa ineżistenti.

(c) Fatturi umani: hemm tliet proċeduri speċifiċi u importanti ħafna fil-proċess ta' produzzjoni li juru l-kontribut tal-bniedem fil-metodu ta' kultivazzjoni tradizzjonali.

(1) Il-ġbir/l-għażla taż-żerriegħa li għandha tintuża għall-uċuħ tar-raba' tas-sena ta' wara (żerriegħa prodotta fl-azjenda).

(2) Il-metodi ta' kultivazzjoni ġew adattati għall-ħamrija u l-kundizzjonijiet klimatiċi partikolari taż-żona (kundizzjonijiet xotti, sigħat twal ta' xemx u rjieħ qawwija ħafna). B'mod aktar speċifiku, matul is-snin il-bdiewa għażlu razza lokali bikrija għall-biedja xotta, li, sa ċertu punt, tegħleb il-problema tal-irjieħ qawwija mit-Tramuntana u n-nuqqas tar-riżorsi tal-ilma. Dan jippermetti lill-pjanta tiżviluppa kompletament, partikolarment fuq il-ħamrija li tinstab fil-livell tal-baħar fix-xhur ta' Marzu, April u Mejju. Matul dawn ix-xhur, Santorini hija l-aktar imkenna mir-riħ u tirċievi kemxejn xita, li tipprovdi sors prezzjuż tal-ilma.

(3) Fil-metodu tal-kultivazzjoni, iż-żrigħ dirett taż-żerriegħa fil-ħamrija ta' Thira huwa adattament tekniku speċifiku. Din il-proċedura tiżgura l-preservazzjoni tal-għerq prinċipali (taproot) li jkun qiegħed fil-fond u hija differenti mill-kultivazzjoni konvenzjonali tat-tadam, li s-soltu tinvolvi t-trapjantar tal-pjanti u l-qtugħ tal-għerq.

5.2. *Speċifiċità tal-prodott*

Il-materjal tal-pjanti, flimkien mal-kundizzjonijiet klimatiċi partikolari ta' Santorini u l-gżejjer ġirien, u l-metodi tal-kultivazzjoni tradizzjonali użati mill-bdiewa, jirriżultaw fil-karatteristiċi speċifiċi tal-prodott.

(a) It-"Tomataki Santorinis" huwa razza lokali tal-ispeċi *Lycopersicon esculentum* Mill., b'oriġini storika, b'identità distinta u b'varjazzjoni ġenetika. Huwa speċifikament adattat għall-kundizzjonijiet nexfin, għall-ġir li fiha l-ħamrija alkalina ta' Santorini. Huwa prodott fuq skala kummerċjali fiż-żona ġeografika identifikata biss. Huwa tar-raba' lokali mkabbar mill-produtturi stess f'Santorini u huwa l-prodott ta' sistema ta' kultivazzjoni tradizzjonali b'investiment baxx. Dawn il-karatteristiċi ġew maħluqin u mifruxa fuq tul ta' żmien permezz tal-proċedura ta' ġbir u għażla taż-żerriegħa għal uċuħ tar-raba' tas-sena ta' wara. Għalhekk, iż-żerriegħa hija reżistenti ferm għall-istress kemm bijotiku kif ukoll abijotiku, bir-riżultat li tibqa' tagħti ħsad sodisfaċenti u affidabbli ħafna bis-sistema ta' tkabbir xotta użata f'Santorini.

(b) Kif ġie ddikjarat fid-deskrizzjoni tal-prodott, waħda mill-karatteristiċi partikolari tat-"Tomataki Santorinis" hija l-kompożizzjoni tas-solidi solubbli tiegħu, li jikkontribwixxu b'mod pożittiv kemm għall-kwalitajiet nutrizzjonali u kemm għat-togħma tiegħu. Għandu konċentrazzjoni aktar baxxa ta' solidi solubbli f'relazzjoni mas-solidi totali, li jvarjaw minn 73-87 % (13-27 % residwu solidu), filwaqt li l-varjetajiet ta' tadam klassiċi jkollhom 95-98 % (2-5 % residwu solidu). Dan ifisser li għandu aktar residwu solidu. Esperimenti li jqabblu dawn il-parametri ma' dawk tal-varjetà tat-tadam "Gs 67", imwettqa taħt kundizzjonijiet tat-tkabbir konvenzjonali ekwivalenti, urew li t-'Tomataki Santorinis" għandu wkoll valuri ogħla ta' kontenut tal-aċidu askorbiku, fenoli solubbli

totali u likopene, li huma parti mis-solidi solubbli. Speċifikament, għal kull 100 g piż frisk, il-valuri għall-kostitwenti ta' hawn fuq fit-"Tomataki Santorinis" huma 14-18 mg, 54-57 mg u 3,8-7,5 mg rispettivament, waqt li dawk tal-varjetàt klassika tat-tadam "Gs 67" huma 8-12 mg, 30-35 mg u 1,8-7 mg rispettivament. Studji simili fuq il-karatteristiċi tat-togħma tiegħu wrew li t-'Tomataki Santorinis" għandu persentaġġ ogħla ta' solidi solubbli u valuri ogħla għal aċidità titrattabbli. Dawn id-differenzi huma minħabba l-kapaċità ta' dan l-ekotip partikolari tal-pjanta li jirriċikla l-aċidu assorbiku fi ħdan il-frott.

5.3. *Rabta kawżali bejn iż-żona ġeografika u l-kwalità jew il-karatteristiċi tal-prodott (għad-DPO) jew kwalità speċifika, reputazzjoni jew karatteristiċi oħra tal-prodott (għall-IĠP)*

Il-karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u organolettiċi partikolari tat-tadam li jiġi kkummerċjalizzat taħt id-denominazzjoni "Tomataki Santorinis" huma r-riżultat tal-effetti mħallta tal-ambjent, l-għarfien lokali u l-potenzjal ta' riżorsi ġenetiċi.

Għalhekk, il-karatteristiċi prinċipali tal-kwalità li jorbtu t-'Tomataki Santorinis" maż-żona huma:

(a) il-materjal ġenetiku partikolari użat li ħa l-karatteristiċi ta' varjetà lokali. Dan huwa riżultat tal-perjodu twil ta' adattament għall-kundizzjonijiet partikolari relatati maż-żona u mal-metodu tradizzjonali ta' ġbir u għażla taż-żrieragħ għaż-żrigħ tas-sena ta' wara. L-adattament tal-pjanta għall-ambjent ta' Santorini rriżulta fil-formazzjoni ta' ċerti karatteristiċi speċifiċi li jagħmlu t-"Tomataki Santorinis" apprezzat ħafna fis-suq bħala prodott ta' kwalità għolja. Dawn il-karatteristiċi huma l-identità distinta tiegħu, il-varjazzjoni ġenetika u l-adattament speċifiku għall-kundizzjonijiet nexfin u għall-ġir li fihal-ħamrija alkalina ta' Santorini u huma marbuta mas-sistema ta' kultivazzjoni tradizzjonali. Studji riċenti wrew li: (a) ir-riċerka dwar ir-rabtiet filoġenetiċi bejn żewġ għażliet tat-Tomataki Santorinis u seba' varjetajiet domestiċi tat-tadam, fejn ġew studjati 38 proprjetajiet tal-pjanta, uriet li hemm differenza ċara ġenetika (distanza ġenetika) bejn it-"Tomataki Santorinis" awtentika u l-varjetajiet l-oħra, xi ħaġa li jagħti t-tadam identità speċifika (uniku) u (b) l-evalwazzjoni parallela tal-ġenotipi magħżula f'Santorini (bl-użu ta' sistema ta' kultivazzjoni tradizzjonali b'investiment baxx) u fuq l-impriżi li huma propjetà ta' Fondazzjoni Nazzjonali tar-Riċerka tal-Agrikoltura f'Tessaloniki (bl-użu ta' sistema tal-kultivazzjoni konvenzjonali ta' produzzjoni għolja) wrew influwenza qawwija ambjentali fuq il-karatteristiċi tal-produzzjoni. Tqabbil mal-kategoriji tal-prodotti magħmula wera li l-prodott u l-kostitwenti tiegħu jiżviluppaw totalment biss meta jitkabbar fl-ambjent ta' Santorini, prova li l-għażla magħmula fil-post hija aktar affidabbli.

Barra minn hekk, għandu jiġi nnutat li l-ħamrija alkalina qawwija tipproduċi livelli ogħla ta' zokkor fit-tadam misjur.

Għalhekk jista' jiġi konkluż li l-ekotip lokali kiseb valur agrikolu għoli, peress li juri reżistenza ta' barra minn hawn lejn in-nixfa u l-firxa ta' mard bħal moffa sewda, il-moffa bajda, il-fusariożi u l-vertiċillju, filwaqt li huwa adattat ukoll għall-ħamrija vulkanika u l-ġir tal-gżira, u l-kompożizzjoni alkalina tagħhom. Il-ħsad medju fil-ħamrija niexfa ta' Santorini huwa qrib 500 kg għal kull stremma u f'każijiet eċċezzjonali biss huwa jilħaq 1 000 kg.

(b) Il-proprjetajiet fiżiċi u kimiċi tal-frott, li jinkludu proporzjon partikolarment għoli ta' zokkor u solidi totali, li jidher fil-karatteristiċi organolettiċi tal-prodott. Minn naħa waħda, dan huwa r-riżultat tal-preżenza tas-sodju, li joħloq kundizzjonijiet ta' stress tal-ilma, u minn naħa l-oħra, il-fatt li l-ħamrija partikolari tas-Santorini tixrob l-umdità mill-atmosfera (minħabba l-*caldera* ta' matul il-lejl) u matul il-jum tittrasferiha bil-mod il-mod lil pjanti (il-kapaċità taż-żamma tal-ilma tal-ġebel pumiku hija magħrufa sew). Barra minn hekk, ma jiġix applikat fertilizzant, jiġifieri li l-pjanta tinsab taħt kundizzjonijiet ta' stress tal-ilma, u flimkien ma' ħamrija alkalina ħafna, din hija r-raġuni ewlenija għaliex il-proporzjon taz-zokkor u tas-solidi totali jiżdied u l-konstituenti jipprovdu iżjed togħma u valur nutritiv.

(c) Reputazzjoni – dejta storika: l-ewwel evidenza affidabbli tal-kultivazzjoni tat-tadam f'Santorini tmur lura għall-aħħar tas-seklu dsatax u hija reġistrata li bdiet fi snin sebgħin tas-seklu dsatax. L-ewwel dokument uffiċjali dwar it-tkabbir tad-tadam f'Santorini jinsab fl-ewwel rapport sistematiku fuq il-flora u l-produzzjoni agrikola f'Santorini li tfassal ftit wara (1899). Madankollu, ir-rapport ma

jagħti l-ebda dejta ekonomika dwar il-wiċċ tar-raba', prova li kien biss ta' kontribut żgħir għall-ekonomija u li l-prodott kien prinċipalment użat biex ikopri l-ħtiġijiet nutrizzjonali tal-popolazzjoni lokali.

It-tkabbir tad-tadam ġie introdott sistematikament f'Santorini meta l-bejgħ tal-inbejjed ta' Santorini fir-Russja waqa' wara r-Revoluzzjoni ta' Ottubru, li rriżulta b'nuqqas fid-dħul mill-produzzjoni tal-inbid u qamet il-ħtieġa li tiġi żviluppata xi ħaġa ġdida, prodotti tar-raba' li se jagħtu aktar qligħ. Għalhekk, matul l-1919 u 1920, il-gazzetta lokali, *Santorini*, irrappurtat li t-tkabbir tat-tadam kien qed jinfirex b'detriment tal-inbid, filwaqt li fl-1922 id-dħul minn tkabbir tat-tadam kien ħames darbiet akbar minn dak mit-tkabbir tal-għeneb. Papamanolis jiddeskrivi kif it-tadam kien jiġi mkabbar fiż-żoni kollha fejn kien hemm il-ġebla pumika, u jirrapporta li l-produzzjoni totali tal-purée tat-tadam kienet madwar 1 300 tunnellata f'1928. Madwar l-istess perjodu (1928-1929), il-Professur Durazzo-Morosini żar Santorini, fejn rreġistra t-tkabbir tat-tadam fid-distretti ta' Pirgos u Thirasia u fabbrika tat-tadam f'Mesa Gonia fil-Messaria. Fl-1933, kien Danezis li kiteb li l-industrija tat-tadam kienet waħda miż-żewġ sorsi ewlenin ta' dħul fil-qasam tal-agrikoltura ta' Santorini. Sa dak iż-żmien, it-tadam kien ilu jiġi mkabbar f'Santorini għal 50 sena, żmien biżżejjed biex l-għelejjel jadattaw għall-kondizzjonijiet tal-ħamrija u tal-klima, biex tiżviluppa l-kapaċità tradizzjonali u lokali u biex isiru magħrufa l-vantaġġi komparattivi tal-prodott finali.

Illum, il-prodott stabbilixxa ruħu fil-moħħ tal-konsumatur bħala prodott ta' kwalità eċċezzjonali, xi ħaġa li huwa kkonfermat mill-għadd kbir ta' referenzi li ssib għalih fuq l-internet, il-konvenzjonijietli jiġu organizzati u l-firxa ta' riċetti bl-użu tat-'Tomataki Santorinis" bħala ingredjent ewlieni.

Fl-aħħar nett, għandu jiġi nnutat li l-vantaġġi ewlienin tat-tadam ikkoltivat f'Santorini huma l-livell ogħla tal-kontenut taz-zokkor u l-livell ogħla ta' solidi solubbli totali tiegħu. Din il-karatteristika hija r-riżultat tal-influwenza kombinata tal-materjal ġenetiku tal-varjetà lokali, il-metodu ta' kultivazzjoni użat u, naturalment, il-kundizzjonijiet klimatiċi u tal-ħamrija ta' Santorini. It-"Tomataki Santorinis" huwa eżempju impressjonanti ta' prodott lokali ta' kwalità eċċellenti u ta' preġju, fejn il-produzzjoni tiegħu tinvolvi l-użu sostenibbli ta' riżorsi naturali uniċi.

**Referenza għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni**

(L-Artikolu 5(7) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006 [3])

http://www.minagric.gr/images/stories/docs/agrotis/POP-PGE/tomataki_santorinis_221012.pdf

---

(3) Ara n-nota f'qiegħ il-paġna Nru 2.

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2013 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 1 300 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 1 420 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 910 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 100 fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa | multilingwi:<br>23 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C — Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | EUR 50 fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli fi 22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S — Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT